

# Santa Marija fl-Isfond tal-Folklor Reliġjuż

*Is-Sur Charles Coleiro*

Mill-għana tradizzjonali marbuta mal-festi tal-imgħoddi niftakar l-għanja popolari: "***Santa Marija ġejja, x'festa għandhom il-Mostin, il-qniepen kollha jdoqqu, il-kampnari mimlijin.***" Din l-istrofa ħadtha mill-ġabra li ħallielna ĠużeèCassar Pullicino li hu sinonimu mar-riċerka u l-istudju tal-folklor ta' pajjiżna. Iżda l-festa ta' Santa Marija tmur aktar 'il bogħod mill-ilħna tal-għannejja tagħna. L-istess knisja Maltija li tgħammdet mn'idejn San Pawl kellha l-ewwel Katidral fil-belt il-qadima tal-Imdina ddedikat lit-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, kif għadu wkoll iġib isem l-Assunta l-Katidral tal-Gżira Għawdxija. Wieħed mill-kwadri antiki fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina juri l-mewt tal-Madonna u Kristu Rxoxt. (1) Jiġifieri li flimkien juru li l-Madonna bħal Kristu wara r-"raqda" *dormitio Mariae* marret fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, twemmin li ġie mwettaq bid-domma tal-fidi mill-Papa Piju XII nhar l-1 ta' Novembru 1950. Bi tkomplija tal-aspett folkloristiku, dari kienu jsiru l-ħġejjeġ fl-Imdina lejlet il-festa ta' Santa Marija.

Minbarra l-ħdax-il parroċċa fil-Gżejjer Maltin iddedikati lil Santa Marija, magħduda l-aħħar waħda tal-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara, l-għadd ta' knejjes oħra u kappelli li niltaqgħu magħhom fil-kampanja jixhdu l-qima ta' poplu lejn il-Madonna mżejna b'dan il-ġieħ. U ma nistgħux ma nsemmux li fis-santwarju nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu, il-kwadru titulari juri l-Verġni Mbierka mgħollija mill-anġli fit-tlugħ tagħha fis-sema. Mill-ġdid, lura fiż-żmien tissemma waħda mill-eqdem u l-ewwel parroċċi ta' Malta, dik ta' Birmiftuħ, illum il-Gudja li sa minn dejjem kienet taħt il-patroċinju tal-Madonna Mtellgħa s-Sema. Mill-istess ġrajjiet ta' żmien ilu mżewqa fl-isfond tal-folklor, il-knisja ta' Santa Marija "tal-Ftajjar" li nbniet f'Ħal Luqa fil-bidu tas-Seklu 15 tlaqqmet, skont l-Istoriku Achille Ferris, mill-ftajjar li kienu jitqassmu nhar il-festa bir-renti ta' għalqa li kellu Dun Simone Bonnici. Dan il-qassis kien imġiegħel li bir-renti tal-għalqa jagħmel festa b'quddiesa u vespri u jitqassmu xi ftajjar lill-foqra[2].

Fil-ħajja soċjali tal-imgħoddi, il-festi kienu joffru jiem ħielsa mix-xogħol, u l-kotra wara l-funzjonijiet tal-knisja kienet tehda fid-divertiment, ukoll jekk modest, skont kemm kien ilaħħaq ix-xlief! Ġa ssemma l-għana li lejlet il-festa ta' Santa Marija bħal f'kull festa popolari ma kienx jitlob tħejjija u nefqa ta' flejjes.

Forsi l-aktar divertiment tal-massa fil-festi kienu t-tiġrijiet tal-bhejjem li baqgħu fil-kalendarju tal-festi tradizzjonali fir-Rabat, Għawdex nhar Santa Marija. Dakinhar ukoll bl-istess sfond tat-tradizzjoni ssir il-Wirja Agrikola fil-Ġnien Rundle li hi tewmija ma' dik li ssir fil-ġranet tal-Imnarja fil-Buskett. Aktarx li l-ewwel ma ssemmew f'xi dokument it-tiġrijiet tal-bhejjem f'dawn il-Gżejjer kien fis-sena 1469. Dawn it-tiġrijiet kienu jsiru wkoll f'festi oħra tal-qaddisin fosthom dik ta' Santu Rokku li bdiet issir fl-1593 b'għelm ta' ferħ wara li l-Gżejjer Maltin ħelsu mill-marda qerrieda tal-pesta li damet 18-il xahar. Nafu li missirijietna kienu jitolbu lil dan il-qaddis biex iħarishom minn dan il-flaġell li minn żmien għall-ieħor kien jaħkem lil dawn il-Gżejjer.

Jekk niflu bir-reqqa l-ħajja agrikola u t-twemmin li kienu u għadhom iħaddnu l-bdiewa tagħna niltaqgħu mal-qwiel li huma marbuta mal-jiem ta' din il-festa: "l-għarajjex ta' Santa Marija" li jagħtu bidu għall-miġja tal-ewwel sħabiet (l-għarajjex) fis-sema Malti biex imbagħad fl-24 ta' Awwissu, nhar San Bert nistennew ix-xita għax skont ukoll it-tradizzjoni dan il-qaddis għandu l-imfietaħ f'idejh! Għalhekk "Awwissu x-xemx taħarqu u x-xita tmissu!" Qawl ieħor agrikolu jgħid "Santa Marija żrigħ it-tomnija" li jfisser għal nofs Awwissu iżra' t-tgħam li jkun baqa'. It-tgħam hu l-ġwież, il-qmuħ, l-għalf u żrieragħ ta' xtieli li jittieklu. U biex nerġgħu nsemmu t-tiġrijiet tradizzjonali, qawl ieħor ifakkarna li "twelid f'Santa Marija jiġi msejjaħ għat-tiġrija". F'nofs Awwissu wkoll jitħallsu l-qbiela, il-kiri ta' biċċa raba', għalqa jew artijiet imqabbla li l-bidwi jrid iħallas lis-sid. Dan in-negożju fost il-bdiewa hu magħruf bħala "il-qbiela ta' Santa Marija".

Mid-devozzjoni tradizzjonali għadha ħajja d-drawwa tas-*Seba' Santa Marijiet,* dawk iż-żjarat tal-poplu lil seba' knejjes parrokkjali u li jsiru lejlet jew nhar il-15 t'Awissu. Dawn iż-żjarat kienu jsiru bil-mixi li jieħu żmien twil u tbatija għax mhix ħaġa ħafifa li wieħed jimxi, ngħidu aħna mill-Mosta għal Ħal Għaxaq u jerġa' lura f'daru bil-mixi fis-sħana t'Awwissu. Wieħed irid jiftakar li sa ftit snin ilu kien hemm is-sawm u l-astinenza lejlet il-festa, f'dak li kien jissejjaħ "l-obbligu tal-vġili", li kellhom marbuta magħhom il-festi kbar ta' Kristu u l-Madonna. Hekk li bejn mixja twila u oħra ma kienux jistgħu jitrejqu ħlief meta jmorru d-dar għall-ikla ta' filgħaxija. Iżda biex ibattu x-xemx tiżreġ il-pellegrini kienu aktarx jitilqu wara l-ikla, ma' nżul ix-xemx ta' lejlet il-festa u jqattgħu l-lejl iterrqu fit-toroq, bosta minnhom imħarbta li kellna dari. Kienu jieqfu biss biex jitolbu meta l-knisja tkun magħluqa u biex jixorbu minn xi ġiebja fil-qrib.

F'Għawdex hemm drawwa li teħodna fil-parroċċa tal-Assunta taż-Żebbuġ fejn ix-xebbiet kienu u għadhom jagħmlu ħobż ażżmu f'għamla tal-ittra M imsejjaħ "għażżiela" għaliex dawn ix-xebbiet kienu, skont l-għidut, jagħżlu l-qoton miż-żerriegħa jew jagħmlu xogħol ieħor tal-insiġ. Dan il-ħobż f'għamla ta' galletti kien jiġi mbierek nhar il-festa tal-isem ta' Marija u l-kappillan iqassamhom lill-familji biex iħarsuhom mid-diżgrazzji, mard u sajjetti.

Mill-knejjes parrokkjali, il-kappelli, statwi u niċeċ madwar Malta u Għawdex imżewqa bi ġrajjiet u drawwiet minsuġa bil-folklor, forsi l-qofol ta' din id-devozzjoni Marjana jasal bl-għarfien tal-poplu Malti li jsellem lill-Madonna u jagħrafha bħala Sultana tas-sema u tal-art bl-istess kuruna mqiegħda fuq ir-ras tagħha. Niltaqgħu ma' dawn il-kwadri nkurunati fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, fil-katidral t'Għawdex u fir-raħal taż-Żebbuġ bil-kwadru juri l-Madonna nkurunata mit-Trinità Qaddisa. Ta' min iżid li l-kwadru oriġinali kien jixbah lil dak ta' Pinu jiġifieri juri l-Madonna mtellgħa mill-qabar, l-istess bħal ma kien dak tas-santwarju antik tal-Qala bl-isem "Santa Marija tal-Qala". Il-Mosta, kburija tfakkar li fis-Santwarju tat-tempju monumentali, l-Assunta bil-kuruna ta' sultana hi miżmuma b'tant għożża. Għaliex bejn ġrajja u drawwa, bejn l-istejjer u l-leġġendi marbuta mal-Mosta mhemmx isbaħ u aqwa meta jissemma l-Għid tal-Assunta u l-qima lejn Santa Marija minquxa fil-qalb tal-Mostin. Tgħallimt fi ċkuniti li meta wieħed ifaħħar lilu nnifsu ikun qed inaqqas bosta minn ġieħu iżda l-ftaħir tal-barrani joħroġ ġenwin għax jistqarr il-verità. Hekk li l-idjoma "barrani iva iżda mhux xofftejk" tixhed dak li qed nagħmel jien lill-Mostin għax sirt nafhom tajjeb u ngħoddhom bħala wħud mill-egħżeż ħbieb li għandi!

***Referenzi:***

(1)***A. Ferris*** *"Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo" p. 508.*

(2)***R. Bonnici Cali'*** *"Kitbiet Imżewqa (1987) p. 51.*